



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' April 2021
(OR. en)

8129/21

COHAFA 37
FIN 312
DEVGEN 78
COAFR 102
MAMA 69

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7857/21	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 2/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Għajnuna umanitarja li tingħata mill-UE għall-edukazzjoni: tgħin lit-tfal fil-bżonn, iżda jenħtieġ li tkun fuq żmien itwal u tilħaq aktar bniet" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (23 ta' April 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 2/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Għajnuna umanitarja li tingħata mill-UE għall-edukazzjoni: tgħin lit-tfal fil-bżonn, iżda jenħtieġ li tkun fuq żmien itwal u tilħaq aktar bniet" approvat bi proċedura bil-miktub fit-23 ta' April 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 2/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Għajnuna umanitarja li tingħata mill-UE għall-edukazzjoni: tgħin lit-tfal fil-bżonn, iżda jenħtieġ li tkun fuq żmien itwal u tilħaq aktar bniet"

1. Il-Kunsill jieħu nota tar-Rapport Speċjali Nru 2/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, "Għajnuna umanitarja li tingħata mill-UE għall-edukazzjoni: tgħin lit-tfal fil-bżonn, iżda jenħtieġ li tkun fuq żmien itwal u tilħaq aktar bniet", li jeżamina proġetti fil-Ġordan u fl-Uganda mill-2017 sal-2019 sabiex jivvaluta l-effiċjenza tal-għajnuna umanitarja tal-UE għall-edukazzjoni.
2. L-edukazzjoni hija prijorità għat-tfal li qed jgħixu kriżijiet umanitarji. Minbarra l-eżiti tat-tagħlim formali, iżżid ir-reżiljenza, tipprovdi protezzjoni fiżika immedjata, inkluż mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u tista' tnaqqas l-impatt psikosoċjali tat-trauma fuq it-tfal. L-għajnuna umanitarja għall-edukazzjoni hija parti kruċjali minn approċċ integrat għall-iżvilupp sostenibbli, l-azzjoni umanitarja u l-prevenzjoni tal-kunflitti u l-bini tal-paċi. L-aktar ħaġa importanti hija li tipprovdi lit-tfal bit-tama għall-ġejjieni.
3. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni żiedet sostanzjalment l-investiment tagħha fl-għajnuna għall-edukazzjoni, u laqgħet 10 % tal-baġit għall-għajnuna umanitarja fl-2019 meta mqabbel ma' 1 % biss fl-2015. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni tal-edukazzjoni f'emerġenzi, kif ukoll li tespandi l-ħidma f'dan il-qasam, filwaqt li tiżgura aċċess għal tagħlim inklużiv tul il-ħajja u għal edukazzjoni u taħriġ sikuri u ekwi ta' kwalità fil-livelli kollha.
4. Il-Kunsill jinsab sodisfatt li l-ġestjoni mill-Kummissjoni tal-edukazzjoni f'emerġenzi kienet ġeneralment effettiva, kif osservat il-Qorti, u li l-proġetti nstab li kienu rilevanti u kkoordinati tajjeb, u taw ir-riżultati mistennija billi pprovdew edukazzjoni lil tfal fil-bżonn fil-qafas tal-għajnuna umanitarja.

5. Il-Kunsill itenni li r-rispons umanitarju għandu jkun ankrat f'approċċ ibbażat fuq il-ħtiġijiet b'attenzjoni għall-isfidi u l-atturi differenti involuti f'kull sitwazzjoni umanitarja. F'dan il-kuntest, il-ħidma mal-atturi lokali tista' tiżgura rispons effiċjenti għall-ħtiġijiet lokali u tista' tgħin fl-identifikazzjoni u l-appoġġ tal-aktar persuni vulnerabbli fis-soċjetà. Barra minn hekk, il-Kunsill jinnota ż-żieda fl-isfidi li gābet magħha l-pandemija tal-COVID-19 fl-aċċess għall-benefiċjarji, it-twettiq tal-attivitajiet edukattivi u l-kisba tal-miri stabbiliti qabel, waqt li jissottolinja l-ħtieġa li jiġu adattati t-tfassil tal-proġett u l-operazzjonalizzazzjoni tiegħu. Dawn ir-restrizzjonijiet kollha li jirriżultaw mill-pandemija għandhom impatt fuq l-għoti tal-edukazzjoni f'emerġenzi b'konsegwenzi akbar għall-appoġġ u l-benessri tan-nisa u l-bniet.
6. Il-Kunsill jinnota li l-awditu identifika l-oqsma li ġejjin għal titjib: għandu jsir użu aħjar mill-gwida rilevanti tal-fondi tal-Kapaċità Msaħħa ta' Rispons tal-ECHO; il-proġetti għandu jkollhom fil-mira tagħhom, u jilhq, għadd akbar ta' bniet; il-programmi għandhom jittfasslu b'mod li jdumu biżżejjed biex jindirizzaw b'mod suffiċjenti l-ħtiġijiet edukattivi tat-tfal; għandhom jissaħħu l-analiżi tal-ispejjeż tal-proġetti u l-opportunitajiet għal aktar kosteffettività; u l-proġetti ta' flus għall-edukazzjoni għandhom ikunu aktar iffukati fuq soluzzjonijiet fit-tul biex titnaqqas id-dipendenza tal-benefiċjarji fuq l-assistenza fi flus kontanti.
7. Il-Kunsill jilqa' l-ħames rakkomandazzjonijiet li saru mill-Qorti tal-Awdituri dwar:
1. l-użu akbar tar-riżultati ta' proġetti tal-Kapaċità Msaħħa ta' Rispons;
 2. l-għoti ta' aktar appoġġ lill-bniet fi proġetti edukattivi;
 3. l-għoti ta' finanzjament aktar fit-tul għall-edukazzjoni fi kriżijiet fit-tul;
 4. it-titjib tal-analiżi tal-ispejjeż fl-għażla u l-monitoraġġ ta' proġetti edukattivi;
 5. it-titjib tas-sostenibbiltà ta' proġetti ta' flus għall-edukazzjoni fi kriżijiet fit-tul.

KAPAĊITÀ MSAĦĦA TA' RISPONS

8. Il-Kapaċità Msaħħa ta' Rispons (ERC) hija baġit iddedikat tal-ECHO li jappoġġa inizzjattivi globali, strateġiċi u inklużivi li għandhom l-għan li jżidu l-kapaċità tal-komunità umanitarja biex tirrispondi għall-kriżijiet bl-aktar mod effettiv u effiċjenti. Il-Kunsill ifaħħar l-enfasi tal-ERC fuq it-tisħiħ tas-sistema u l-provvista ta' beni pubbliċi globali għas-settur tal-għajnuna umanitarja. Madankollu jinnota s-sejba tal-Qorti tal-Awdituri li l-Kummissjoni għamlet użu limitat mir-riżultati tal-proġetti tal-ERC dwar l-edukazzjoni f'emerġenzi, inkluż gwida dwar il-kejl tal-kwalità tal-edukazzjoni f'emerġenzi, kriterju ewlieni għall-effettività. Huwa jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tintegra b'mod aktar sistematiku l-għodod rilevanti żviluppati bl-appoġġ tal-ERC fl-attivitajiet tagħha ta' edukazzjoni f'emerġenza sabiex tiġi massimizzata l-kapaċità ta' rispons tas-sħab ta' implimentazzjoni.

APPOĠĠ GĦALL-BNIET

9. Il-Kunsill jemmen li l-għajnuna umanitarja għandha timmira li tilħaq lin-nies fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli. F'kuntesti affettwati minn kriżi, in-nisa u l-bniet, inkluż in-nisa u t-tfal b'diżabbiltà, jinsabu friskju ogħla li jiġu esposti għall-vjolenza u għal diffikultà biex jaċċessaw servizzi essenzjali, bħall-edukazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza li kemm it-tfassil kif ukoll l-għoti/l-implimentazzjoni tal-edukazzjoni f'emerġenza għandhom ikunu sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru, inklużivi u aċċessibbli.
10. Il-Kunsill huwa mħasseb dwar is-sejba tal-Qorti li l-proġetti ffinanzjati mill-UE la huma mmirati lejn għadd biżżejjed ta' bniet u lanqas qegħdin jilhqhom. Madankollu, il-Kunsill jirrikonoxxi l-isfidi biex jintlaħqu miri speċifiċi peress li l-għoti ta' assistenza umanitarja għandu jkun ibbażat fuq analiżi tal-ħtiġijiet li huma affettwati mill-ispeċifità ta' kull kuntest.

11. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tkompli tqis dejjem aktar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-programmi edukattivi u l-edukazzjoni tal-bniet u tat-tfajliet adoloxxenti, tappoġġa kampanji ta' sensibilizzazzjoni tal-komunità, tiġġieled il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, issaħħaħ it-taħriġ tal-ġhalliema dwar kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, tappoġġa u żżid l-ġhadd ta' ġhalliema nisa, u tindirizza d-distakk diġitali bejn il-ġeneri li jaffettwa b'mod partikolari l-bniet fil-kuntest tal-COVID-19.
12. Il-Kunsill jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li ssaħħaħ u tissorvelja d-dimensjoni tal-ġeneru fi proġetti edukattivi, u japprezza l-enfasi tal-Kummissjoni fuq l-adozzjoni ta' approċċ inklużiv u integrat biex tirrispondi għall-ħtiġijiet l-aktar urġenti kemm tas-subien kif ukoll tal-bniet.

IL-FINANZJAMENT FIT-TUL U T-TUL TA' ŻMIEN TAL-PROĠETTI

13. Il-Kunsill japprezza l-isforz tal-Kummissjoni biex tiffinanzja l-edukazzjoni fi proġetti ta' emerġenza li huma allinjati mat-tul tas-sena skolastika u jkopru perijodu ta' mill-inqas sena akkademika sħiħa, waqt li tibda tagħti prijorità lil proġetti ta' 24 xahar. Il-Kunsill jaqbel mal-valutazzjoni tal-Qorti li l-finanzjament pluriennali huwa wkoll konformi mal-impenji tal-Grand Bargain u għandu effetti pożittivi fuq l-effiċjenza u l-effettività tal-edukazzjoni fi proġetti ta' emerġenza.
14. Fl-istess ħin, il-Kunsill itenni li t-tul tal-proġetti għandu jkun speċifiku għall-kuntest, waqt li jiżgura rispons rapidu iżda komprensiv li jippermetti li t-tfal jingħataw spazji sikuri. Barra minn hekk, il-Kunsill jinnota li l-interventi fl-edukazzjoni għal żmien qasir jistgħu jkunu ta' importanza kritika, iżda l-ħtiġijiet edukattivi fi kriżijiet fit-tul ikunu normalment fuq perijodu minn medju sa twil.

15. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jinnota s-sejba tar-Rapport li l-biċċa l-kbira tal-proġetti vvalutati ma kinix twal biżżejjed biex jindirizzaw il-ħtiġijiet edukattivi tat-tfal fi kriżi fit-tul. Huwa japprova r-rakkomandazzjoni tar-Rapport li l-Kummissjoni ttipprovdi finanzjament aktar fit-tul għall-edukazzjoni fi kriżijiet fit-tul. Il-Kunsill jilqa' l-progress reċenti tal-ECHO biex jingħataw livelli akbar ta' finanzjament pluriennali, u jhegġegħ lill-Kummissjoni biex taċċellera dan il-proċess. Il-Kunsill ihegġegħ ukoll lill-Kummissjoni biex tirdoppja l-isforzi tagħha biex ttipprovdi finanzjament aktar flessibbli.
16. Il-Kunsill jinkoraġġixxi wkoll it-tisħiħ ta' sħubiji ma' komunitajiet u sħab ta' implimentazzjoni bl-użu ta' approċċ ikkoordinat ibbażat fuq valutazzjoni parteċipattiva tal-ħtiġijiet sabiex jiġi żgurat li l-appoġġ tal-Kummissjoni jiġi sostnut b'mod effiċjenti matul iż-żmien. L-interventi umanitarji għandhom jitfasslu u jiġu implimentati bl-involviment u l-parteċipazzjoni tal-popolazzjoni lokali, kif ukoll firxa wiesgħa ta' atturi tas-soċjetà ċivili, li spiss joperaw qrib komunitajiet milquta minn kriżijiet. Din il-metodoloġija parteċipattiva għandha tiġi integrata f'approċċ usa' ta' valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet koordinati u multisettorjali, li jmexxu 'l quddiem il-koordinazzjoni u s-sostenibbiltà billi, pereżempju, japprofondixxu r-rabtiet bejn l-edukazzjoni f'emerġenzi u l-programmazzjoni tal-għajxien.

ANALIŻI TAL-ISPEJJEŻ U EFFETTIVITÀ

17. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jkun hemm l-għan ta' kosteffettività massima matul l-għażla, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-proġetti. Għal dak il-għan, jilqa' r-rakkomandazzjoni tar-Rapport biex tittejjeb l-analiżi tal-ispejjeż għall-għażla u l-implimentazzjoni tal-proġetti u jiġbed l-attenzjoni għar-responsabbiltà tal-Kummissjoni li ssaħħa il-monitoraġġ tal-attivitajiet ta' finanzjament tagħha għall-edukazzjoni f'emerġenzi u kriżijiet fit-tul. Il-Kunsill japprezza l-isforzi tal-Kummissjoni biex ttipprovdi fehim aħjar tal-ispejjeż tal-proġetti u tqabbil aħjar tal-proposti fil-fażi tal-għażla.

18. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tuża l-potenzjal sħiħ tal-assistenza fi flus kontanti u vouchers (CVA) bħala, b'mod ġenerali, mezz effiċjenti u kosteffettiv ta' assistenza umanitarja. Sabiex tizzied il-kosteffiċjenza u jitnaqqsu l-isforzi amministrattivi, is-sħab umanitarji huma mħeġġa jingħaqdu ma' sistemi armonizzati għall-għoti ta' assistenza fi flus kontanti, fejn dan ikun possibbli u xieraq.

FLUS KONTANTI GĦALL-EDUKAZZJONI

19. Il-Kunsill jirrikonoxxi li proġetti dwar il-flus kontanti għall-edukazzjoni qed jibnu r-reżiljenza tat-tfal, speċjalment billi jneħħu l-ostakli fiżiċi u finanzjarji għall-edukazzjoni, jippermettu lit-tfal jattendu l-edukazzjoni formali, jipprovdu inċentiv biex jitnaqqas it-tħaddim tat-tfal, u jnaqqsu r-riskju li t-tfal jirrikorru għal mekkaniżmi negattivi biex ikampaw. Madankollu, jirrikonoxxi li dawn it-tipi ta' attivitajiet ma jistgħux jitqiesu bħala soluzzjoni fit-tul.
20. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi għażliet għal soluzzjonijiet fit-tul u għall-bini tar-reżiljenza, bħall-iżvilupp ta' programmi alternattivi u strateġiji ta' ħruġ għal proġetti ta' flus kontanti għall-edukazzjoni, biex jiġi evitat il-ħolqien ta' diskrepanza fl-ghajjnuna. Il-Kunsill jara li hemm opportunitajiet biex jissaħħu r-rabtiet strateġiċi u operazzjonali ma' programmi fit-tul, inkluż bi protezzjoni soċjali jew strateġiji fit-tul għall-kisba ta' għajxien sostenibbli għat-tfal u dawk li jieħdu ħsiebhom abbażi tar-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi, kull meta jkun xieraq u possibbli.
21. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni diġà bdiet tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-awditu. Il-Kunsill jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha għal proġetti u attivitajiet għall-edukazzjoni f'emerġenzi u kriżijiet fit-tul ifffinanzjati minn Jannar 2022, kif propost mill-Qorti tal-Awdituri. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tirrapporta lura lill-Kunsill dwar il-passi li tkun ħadet għal dan il-għan.